**Rapport Amministrattiv**

**Kunsill Lokali ta' Santa Venera**

**Mit-18 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2013**

**Introduzzjoni**

Jien ġejt maħtur bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Lokali Santa Venera

b'seħħ mit-18 ta' Ġunju 2013. Ninsab hawn fuq bażi temporanja fejn niddedika madwar 20 siegħa f'ġimgħa sabiex nghin lil dan il-Kunsill jibqa jimxi *smooth* kemm jista jkun sakemm jinħatar Segretarju Ezekuttiv fuq bażi full time.

**Bidu:-**

F'dawn il-madwar 5 xhur li ninsab f'dan il-Kunsill tgħallimt ħafna affarijiet ġodda u tajt il-kontribut tiegħi biex dak li naf ngħaddih ukoll fid-DNA ta' dan il-Kunsill.

Dan il-Kunsill, propjament f'Lulju, kellu wkoll jimpjega skrivana ġdida minħabba li l-iskrivana ta' qabel itterminat l-impjieg f'Mejju. L-iskrivana il-ġdida għadha żagħżugħa u għandha esperjenza ta' sitt xhur mal-Kunsilli Lokali. Ċertament għad fadlilha ħafna aktar x'titgħallem.

Prattikament din l-amministrazzjoni hija kompletament ġdida. Minkejja d-diffikultajiet tal-bidu, il-pressjoni ta' xogħol, xogħlijiet li kellna b'lura u li għadna niffaċċjawh sal-ġurnata tal-llum, ninsabu ottimisti li eventwalment ix-xogħol li qed isir b'risq il-komunita Vendriża eventwalment ser jgħati l-frott tiegħu.

Il-Kunsill ta' din il-Leġislatura jinsab fi sfida kbira fir-rigward il-finanzi. Il-Kunsill jinsab qiegħed ibati minħabba l-Proġett tal-PPP, Public Private Partnership fejn għandu diversi pagamenti fuq xogħlijiet li saru f'ħames toroq u dawn iridu jitħallsu fuq medda ta' 4 snin.

Apparti dan, il-Kunsill Lokali jinsab b'*shortage* minn tal-inqas ta' madwar €76,000 u dan ġara minħabba stimi baxxi ta' xogħlijiet li kienu ntbgħatu lill-Gvern qabel ma nbeda x-xogħol. Minħabba f'hekk parti minn Triq Misraħ l-Barrieri għalissa kellu jitwaqqaf ħesrem u dan ma sarx kapriċċ iżda sforz tas-sitwazzjoni li tħalla fiha l-istess Kunsill.

Oltre, il-Kunsill, f'dawn l-aħħar xhur, kellu jieħu miżuri oħra sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż kemm jista jkun, u nissalvagwardjaw il-kuntratti li għandna fis-seħħ kif ukoll il-pagi tal-impjegati u filfatt waħda mill-miżuri li ttieħdet kienet li tħassar il-festin li kien isir matul iż-żmien tal-festa.

F'dawn il-ħames xhur il-Kunsill ħareġ żewġ *Tenders* u erba' kwotazzjonijiet li kienu kif ġej:

SVLC/T/02/13 – Numerar tal-lampi madwar Santa Venera

Il-Kunsill ra li ċertu ilmenti fuq ħsarat tal-lampi qiegħdin ikunu doppji minħabba li r-residenti ma jindikawx eżatt liema lampa għandha l-ħsara. Bil-konsegwenza ta' dan il-kuntrattur ġieli qiegħed iktar minn darba fuq lampa waħda għalhekk il-kont qiegħed ikun irduppjat. Minħabba f'hekk il-Kunsill ried li jagħmel sistema aħjar tal-lampi fejn kull lampa ikollha numru uniku tagħha li meta persuna tiġi tilmenta trid tagħti in-numru eżatt tal-lampa li għandha xi ħsara. Għalhekk il-Kunsill ħareġ sejħa għall-offerti sabiex il-lampi jiġu numerati b' materjal ta' kwalita. Dan il-Proġett huwa maħsub li ser jiġi jiswa madwar €10,000

SVLC/T/03/13 – Tender għal xogħol ta' Bankini u Patching ta' toroq f' Santa Venera

Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ sejħa għall-offerti fuq xogħol ta' Bankini u patching. Dan minħabba li patching bil-cold asphalt mhux iservi għal tul ta' żmien għalhekk ix-xogħol ta' patching jibda jsir bil-hot asphalt.

Quote 01/13 – Disinn u stampar tar-Rivista tal-Kunsill

Il-Kunsill ta' Santa Venera ilu ma jippubblika rivista tal-Kunsill għal diversi snin għalhekk inħasset il-ħtieġa li din ir-rivista terġa tibda tinħareġ b'mod regolari biex ir-residenti ikunu infurmati b'dak kollu li qiegħed isir ġewwa Santa Venera.

Quote 02/13 – Ftuħ u għeluq tal-Ġonna pubbliċi u Bandli

Il-Kuntratt tal-ftuħ u għeluq tal-Ġonna pubbliċi u l-Bandli issa skada għalhekk il-Kunsill ħareġ sejħa għall-offerti ġdida biex isir kuntratt ġdid.

Quote 03/13 – Online Streaming of Local Council Meetings

Il-Kunsill ibbenefika minn skema li tagħti sa massimu ta' €2,000 sabiex jiġi installat apparat li jkun jista ixandar il-laqgħat tal-Kunsill live fuq l-internet.

Quote 04/13 – Vandal Proof Garden Lamps

Il-Lampi ta' ġnien il-Palazz l-Aħmar sfaw vittma ta' vandaliżmu għal diversi drabi u bħalissa jinsabu mitfijin u ilhom hekk għal diversi xhur. Il-Kunsill fuq inizzjattiva ta' tisbieħ f'dan il-ġnien ħass il-ħtieġa li tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex dawn il-lampi jinbidlu għal dawn Vandal proof li jkunu mgħammra b'garanzija għal kontra l-vandaliżmu.

## Diversi Xogħlijiet

Matul dawn ix-xhur sar diversi xogħol ta' patching bil-cold asphalt, iffriskar ta' żebgħa tat-toroq u tabelli, xogħol ta' manutenzjoni fi Ġnien Romeo Romano, Ġnien Ġużè Flores kif ukoll fil-bandli Dun Ġorġ Preca li qedgħin fl-akwata tal--Palazz l-Aħmar. Xogħol ta' manutenzjoni ieħor sar fit-toroq madwar Santa Venera bħal tiswija fuq Bollards u barriers, tibjid u tikħil kif ukoll xi xogħol fl-uffiċċju amministrattiv. Dan ix-xogħol kollu sar b'permezz tal-ħaddiema tal-IPSL u ħaddiem minn l-iskema tal-ETC.

## Proġetti Misraħ Santa Venera

Il-Kunsill għamel xogħol ta' tisbieħ f' Misraħ Santa Venera b'permezz ta' fondi mill-MEPA tal-Urban Improvement Funds, liema xogħol issa wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu. Jonqos li jitlesta l-pedestall bl-istatwi ta' Santa Venera u ta' San Pawl rieqed. L-istatwa ta' Santa Venera hija maħsuba li tkun lesta fis-sena 2015. Tajjeb li nirrimarkaw dwar il-fatt li din l-istess statwa qed isir b'mod privat minn terzi li ġentilment offrewha bħala donazzjoni. Il-Fondi li l-Kunsill ġabar s'issa huma il-50% tal-Proġett u għalhekk jonqos in-nofs l-ieħor liema fondi jingħataw appena jitlesta kompletament il-Proġett.

Il-Kunsill wara ftit xhur innota li l-madum il-griż li twaħħal f'din il-pjazza ma kienx sodisfaċenti u għalhekk wara diversi laqgħat kien ġie deċiż li l-Kuntrattur jagħmel garanzija bankarja fuq il-madum

kollu għal sena sabiex isir ta' kwalita aħjar. Il-Ftehim sar ukoll mal-Kuntrattur li ammetta li il-madum mhux sodisfaċenti.

## Proġett Youth Exchange

Il-Kunsill din is-sena irrealizza li hemm proġett li qiegħed f'isem il-Kunsill fuq Youth Exchange liema proġett kien ġie approvat mil-EUPA. Il-Ftehim mal-EUPA jgħid li 75% tal-fondi kienu ser jgħaddu bil-quddiem u jidħlu f'kont bankarju, fejn irriżulta li dawn daħlu f'kont bankarju ta' terzi minflok fil-kotba tal-Kunsill. Il-Kunsill Lokali ħass li ġaladarba li l-fondi tal-istess proġett ġew amministrati minn terzi u mhux mill-Kunsill; għandha ssir verifika ta' kull ċenteżmu li ntefaq.

## Attivitajiet

Din is-sena saret l-attivita annwali ta' Jum Santa Venera fl-14 ta' Novembru fejn fiha ġie ippremjat ukoll is-Sur Mario Coleiro bil-Ġieħ Santa Venera.

Attivita oħra saret nhar it-22 ta' Settembru bit-tema ta' Car Free Day li fiha saru diversi attivitajiet bit-tema ta' ambjent aħjar mingħajr karozzi. Din l-attivita saret b'permezz ta' fondi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u li l-Kunsill ingħata l-ammont ta' €2,000.

Il-Kunsill tella attivita oħra bl-isem ta' Clean up Santa Venera fejn il-Kunsill ħa inizzjattiva sabiex plot mimli b'materjal ta' kostruzzjoni, ħaxix ħażin u materjal ieħor jiġi mnaddaf. Din l-attivita saret nhar is-Sibt 23 ta' Novembru fi Triq Abela.

Matul din is-sena, il-Kunsill b'permezz tas-Sotto Kumitat tal-Kultura u Wirt Storiku, applikajna għal fondi fl-iskema ta' Attivitajiet Kulturali sabiex tiġi mtella l-Attivita ta' Akkwadott iffjurit. F'din l-attivita ser ikun hemm wirja ta' fjuri, kif ukoll wirja ta' skultura sabiex tfakkar l-istorja ta' dan ir-raħal li kien tant jispeċjalizza fit-tkabbir tal-fjuri u fil-qasam tal-ġebel u l-barrieri. Din l-attivita hija maħsuba li issir f' Ġunju 2014.

## Konklużjoni

Il-Kunsill ta' Santa Venera bħalissa għaddej minn żmien ta' tranżizzjoni fejn ser ikollu Segretarju Eżekuttiv full time li jkun jista jlaħħaq iktar mad-domanda tax-xogħol f'dan il-Kunsill.

Certament, l-isfidi quddiemna huma kbar, iżda b'għaqal u bil-perseveranza, l-istess Kunsill għandu jilħaq l-aspettativi tiegħu għal ġid tar-residenti li jirrappreżenta

Stephen Sultana

Sindku

f/ Ranier Busuttil

Aġent Segretarju Eżekuttiv